MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 456/2002/1

**Ivan Zammit**

**vs**

**Gianluca Torres u Claire Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm351.00) rapprezentanti kwantu ghal mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm143.00) bhala kera ta' mutur; kwantu ghal mitejn u tmien liri Maltin (Lm208.00) bhala spejjez ikkawzati fuq l-istess mutur;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji, tal-mandat ta' Qbid numru 943/2000 fl-ismijiet Ivan Zammit vs Gianluca Torres, u tal-25 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Claire Mifsud prezentata fit-12 t'April, 2002, fejn intqal:**

**1. Illi dan l-ammont mhux dovut mill-konvenuta peress illi ma kienetx il-konvenuta li hadet b'kiri xi mutur minghand l-attur;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, skond l-Art.1322(3) tal-Kodici Civili il-kiri ta' mutur ghal xahar shih jitqies bhala att straordinarju meta tqis il-kundizzjoni tal-familja u ghalhekk kien hemm bzonn il-kunsens taghha flimkien ma' ta' zewgha u dan kien nieqes;**

**3. Illi skond l-Art.1330 tal-Kodici Civili l-attur ma jistax ifittex lill-konvenuta peress illi l-flus tal-komunjoni mhumiex bizzejjed u d-dejn hu tal-kwalita' deskritt fl-istess Art.1330(a) tal-Kodici Civili u ghalhekk l-attur ma jistax idur fuq assi parafernali tal-konvenuta.**

**Ra li l-konvenut ma presentax risposta pero` deher u ta' l-versjoni tieghu tal-fatti.**

**Semgha x-xhieda ta' Ivan Zammit, Claire Mifsud, Mario Zammit, Pamela Mifsud, u Gianluca Torres. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed isir ghall-hlas ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm351.00) rapprezentanti, kwantu ghal mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm143.00) bhala kera ta' mutur; kwantu ghal mitejn u tmien liri Maltin (Lm208.00) bhala spejjez ikkawzati fuq l-istess mutur.**

**2. Jirrizulta li l-konvenut kera l-mutur f'xi zewg okkazjonijiet minghand l-attur, u specifikatament fl-14 ta' Lulju, 1999, fejn zammu tnax-il jum, u fit-12 t'Awissu, 1999, fejn zammu ghall-tmintax-il jum, dana skond ma jirrizulta mid-Dok.IZ1 esebit. Id-danni riportati fil-mutur huma indikati fid-Dok.IZ2 esebit.**

**3. Jirrizulta li l-ftehim ghall-kirja tal-mutur kien gie ffirmat mill-konvenut biss.**

**4. L-attur qed jghid li l-konvenuta kienet qaltlu li ser taghmel tajjeb ghall-konvenut ghal hlasijiet li jkun hemm. Dana huma kompletament negat mill-konvenuta. It-Tribunal fic-cirkostanzi qed iqies aktar kredibbli u verosimili l-versjoni tal-konvenuta, li fic-cirkostanzi partikolari taghha definitivament ma kienetx ser taghmel tajjeb ghall-hlas tal-konvenut. Fil-fatt huwa verosimili dak li tghid il-konvenuta, u konfermat minn ohtha Pamela Mifsud, li kien l-konvenut li avvicinaha b'fatt komplut, tant li hi ilmentat mieghu minhabba li ma kellux flus. Il-konvenuta kienet marret ghand Zammit mal-konvenut biss biex jigbru l-crash helmets u ghal ebda raguni ohra. Il-konvenuta ma ffirmat ebda dokument. Apparti minn dan wiehed irid iqies ukoll l-fatt li l-konvenut kien ikun vjolenti mal-konvenuta. Apparti minn dan id-dejn tal-konvenut ma ghandiex taghmel tajjeb ghalih l-konvenuta, u dana kif deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Claire Mifsud vs Gianluca Torres", deciza fit-12 ta' Dicembru, 2002, fejn gie deciz fost ohrajn li l-Qorti : « Tilqa' r-raba' talba u b'dan pero` li tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u dan peress li l-istess komunjoni ma kellha ebda assi ta' valur, izda xorta tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull sehem talvolta spettanti lilu skond il-Ligi, u wkoll tordna li d-dejn li l-konvenut ghandu ma' terzi, ghandu jigi assenjat lilu, b'mod li l-konvenut ghandu jibqa' unikament u esklussivament responsabbli ghall-istess dejn, u b'dan li jekk l-attrici tigi mgieghla b'azzjoni legali thallas l-istess dejn, il-konvenut huwa obbligat li jikkumpensaha u jindennizaha. »**

**5. Lanqas ma jirrizulta dak li qed jallega l-konvenut dwar li kienet il-konvenuta li gieli marret taghmel pagamenti. Anzi, il-konvenuta tichad dan kategorikament meta tghid : « Jiena qatt ma mort hallast pagamenti lill-attur u lanqas biss kelli biex niekol, ahseb u ara kemm kelli biex inhallsu. » Ma hemmx dubbju dwar is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li kienu jinsabu fiha l-konvenuti.**

**6. Ra l-Artikolu 1322(3) tal-Kodici Civili, u t-Tribunal hu tal-fehma li meta sar l-att tal-kirja da parti tal-konvenut, meta dana kien jaf ben tajjeb li m'ghandux b'xiex ihallas, tali att ma setghax jitqies bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja. L-attur, li iltaqa' mal-konvenuta, kellu obbligu li jara li din tiffirma ukoll ghall-kirja in kwistjoni.**
**7. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal jqies li ghall-kirja u eventwali danni ghandu jirrispondi biss il-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront tal-konvenut, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm351.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji u tal-mandat ta' Qbid numru 943/2000 fl-ismijiet Ivan Zammit vs Gianluca Torres ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------